MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2006

Rikors Numru. 157/2005

**Emanuel Micallef [ID 530M]**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fit-18 ta' Marzu, 2005 fejn ippremetta illi permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu 2005, ir-rikorrenti gie nterpellat mill-intimat sabiex fi zmien jumejn ihallas is-somma ta' elfejn u mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm2,245.00) '*fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizjorja ghas-snin ta' stima 1980, 1981, 1982, 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993 u 1994*' skond l-avviz hemm anness bhala Dok A.

Illi l-pretenzjonijiet ta' l-intimat ghall-hlas imsemmi hi preskritta skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 47(2) ta' l-

Att XVIII ta' l-1994 kif applikabbli fi-zmien relattiv qabel l-emendi ta' l-istess artikolu.

Talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tiddikjara illi l-pretensjoni ta' l-intimat ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm2,245.00) kif dedotta fl-ittra ufficjali pprezentata mill-istess intimat fit-2 ta' Marzu 2005 flimkien mat-talba ta' l-ispejjez ghall-prezentata ta' dak l-att, hi nfondata u li konsegwentement ir-rikorrent mhux debitur ta' l-intimat fis-somma pretiza.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok, dan ir-rikors huwa frivolu u intempestiv stante illi r-rikorrent diga dahal fi ftehim ma' l-esponent permezz ta' kitba datata 21 ta' Jannar 1994 fejn iddikjara li qabel ma u accetta il-profitti li jidhru fuq l-istess dikjarazzjoni u jirrigwardaw is-snin ta' stima 1977 sa 1984 rispettivament, liema perjodu ovvjament ikopri s-snin 1980 sa 1984 li ghalihom taghmel referenza l-ittra ufficjali mibghuta mill-esponent.

Illi inoltre, fl-istess ftehim l-esponent kien accetta li jirtira l-oggezzjonijiet li kien ghamel ghas-snin ta' stima 1985 sa 1991, u b'hekk accetta l-istima mahruga mill-esponent fil-konfronti tieghu ghal dawn is-seba' snin kif ukoll accetta li jigu imposti multi ta; Lm2 ghal kull sena ta' stima mill-1985 sa 1998 billi l-prospetti tat-taxxa kienu ntbaghtu tard lill-esponent.

Issa skond l-Artikolu 33(4) tal-Kap. 372 li jghid:
Fil-kaz ta' persuna li dwarha tkun saret stima, illi tkun oggezzjonat ghall-istima maghmula dwarha, tasal fi ftehim mall-Kummissarju dwar l-ammont li bih hija suggetta li tkun intaxxata, l-istima ghandha tigi emendata skond hekk, u avviz tat-taxxa li ghandha tithallas ghandu jkun lil dik il-persuna.

Fil-fatt, din il-procedura abbozzata fl-artikolu fuq citat giet esegwita u issa ghalhekk skond l-Artikolu 38:
“meta l-ammont ta’ l-*income* taxxabbli jew *rebate* ta’ taxxa jkun sar ftehim fuqu tahti l-artikolu 33(4), … (l-istima) … tkun finali u konklusiva ghall-finijiet kollha ta’ dan l-Att dwar l-ammont ta’ dak l-*income* taxxabbli.”

Illi ghalhekk, ir-rikorrenti ma jsitax f’dan l-istadju jippretendi li jqajjem kwistjonijiet li l-ligi ipprovdiet mekkanizmu specjali ghalihom sabiex jigu rizolti, u li fil-fatt diga gew hekk rizolti.

Illi imoltre, ghalhekk ma tistax tapplika ebda preskrizzjoni favur ir-rikorrent Micallef ghas-snin 1980 sa 1991, billi permezz ta’ l-istess dikjarazzjoni li ffirma, ir-rikorrent qed jindika bic-car illi huwa jaccetta li ghandu jhallas l-ammonti mitluba ghas-snin imsemmija fl-istess dikjarazzjoni.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-preskrizzjoni ma tistax tapplika ukoll ghas-segwenti ragunijiet:

Ghar-rigward tas-snin ta’ stima 1988 sa 1994, il-kontijiet riveduti kienu hargu fl-1997 u ghalhekk la taht il-ligi l-antika tat-taxxa u lanqas taht l-emendi l-godda ma tista’ tapplika l-preskrizzjoni.

Illi ghar-rigward tas-snin l-ohrajn, l-ammont mitlub mill-esponent huwa kopert bl-emendi l-godda ghal-ligi tat-taxxa. Fil-fatt, skond l-emendi l-godda li saru lill-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u sewwasew permezz ta’ l-Artikolu 47.4:
“Meta l-azzjoni msemmija fis-subartikoli (2) u (3) ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta’ Dicembru 2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta’ dawk is-subartikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta’ dik it-taxxa taxxa addizzjonali, mghax jew penali tista’ tittiehed sal-31 ta’ Dicembru 2005”

illi ghar-rigward tas-snin 1992 sa 1994, l-esponent naqas illi jsegwi l-procedura indikata fil-Kap. 372. Fil-fatt, huwa anke jekk stess ma jaqbilx ma’ l-ammonti kontenuti fl-

istimi ghal dawn is-snin, messu ai termini ta’ l-Artikolu 35 tal-Kap. 372 ghamel oggezzjoni quddiem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u sussegwentement, jekk jidhirlu mehtieg, appell quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali. Fil-fatt, skond l-Artikolu 33(2) u 35(1),

33(2) “Jekk xi persuna tikkontesta l-istima hija tista’ titlob lill-Kummissarju b’avviz ta’ oggezzjoni bil-miktub, sabiex jerga’ jezamina u jirrivedi l-istima maghmula dwarha. Din it-talba ghandha sssemmi preceizament ir-ragunijiet ta’ l-oggezzjoni taghha ghall istima u ghandha ssir fi zmien tletin notifika ta’ l-istima.”

35(1) “Kull persunailli, aggravata bi stima maghmula dwarha, ma tkunx ftehmet mall-Kummissarju kif mahsub fis-subartikoliu (4) ta’ l-Artikolu 33 tista’ taghmel fi zmien tletin gurnata wara d-data tan-notifika lilha ta’ avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lill-Bord ta’ Kummisarrji Specjali.”

Illi l-Kap. 372 jitkellem car dwar il-konsegwenzi f’kaz li persuna tonqos milli ssegwi l-procedura ndikata fl-istess Att. Hekk l-Artikolu 38 jistabilixxi illi:
“Meta ebda oggezzjoni valida jew appell ma jkunu gew imressqin fiz-zmien stabbilit f’din it-Taqsima kontra stima dwar l-ammont ta’ *income* taxxabbli stabbilit b’dik l-istima, … l-istima kif maghmula jew miftehma jew deciza f’appell, skond il-kaz, tkun finali u konklusiva ghall-finijiet kollha ta’ dan l-Att dwar l-ammont ta’ dak l-*income* taxxabbli jew *rebate* ta’ taxxa.”

Illi ghalhekk, anke hawnhekk ir-rikorrent ma segwiex il-procedura specjali stabbilita mill-Kap. 372 u issa l-ammonti in kwistjoni saru ‘finali u konklussivi’ u ma jistghux aktar jigu impunjati.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent Micallef.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi b'din il-procedura, ir-rikorrent Emanuel Micallef qieghed jitlob li l-effetti ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu 2005, maghmula mill-Kummissarju intimat, ghas-somma ta' elfejn u mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm2,245.00) bhala arretrati ta' taxxa mhumiex dovuti peress illi huma preskritti bl-Artikolu 47(2) ta' l-Att XVIII ta' l-1994.

Ir-rikkorent xehed [fol. 15] illi qabel ma rcieva l-ittra ufficjali qatt ma rcieva xi korrispondenza minghand id-Dipartiment tat-Taxxa, u jaf biss illi xi kultant gie li mar id-Dipartiment tat-Taxxa biex ikellem xi ufficjal, pero' ma jiftakarx meta u fuq x'hiex. Lanqas ma jaf illi f'Jannar 1994 iffirma ftehim ma' l-istess Dipartiment.

Il-Kummissarju intimat esebixxa kopja tal-ftehim datat 21 ta' Jannar 1994, [fol 21], liema kopja ggib il-firma ta' Emanuel Micallef bir-*registered number* 530(M). Esebixxa wkoll id-diversi *returns* u kontijiet illi hareg id-Dipartiment fuq l-istess Emanuel Micallef bl-istess *registered number* 530(M), bl-indirizz Triq id-Duluri, Zebbug, l-indirizz indikat mir-rikorrent fir-rikors tieghu.

Il-Qorti ghalhekk, m'ghandha l-ebda dubju, illi l-ftehim hemm esebit gie ffirmat mill-istess rikorrent fid-data hemm indikata u fiha jirregolarizza l-posizzjoni mad-dipartiment mill-1977 sa l-1991, fejn ghal-liema perjodu irtira l-oggezzjonijiet kollha illi kien ghamel. Dan il-ftehim hu wiehed car u ma jhalli l-ebda dubju ghal dak illi jirrigwarda l-effetti ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Fil-kawza riportata fil-volum XXXV P 1 p 101, il-Qorti qalet, "Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni ghandha tigi pruvata b'mod car u konkludenti u ma tistax tigi ammessa meta tigi bazata fuq atti u fatti illi mhumiex univoci u jistghu jaghtu lok ghall-interpretazzjonijiet diversi." [Ara wkoll <u>Henry Micallef Et vs Michael Zarb noe</u>, Appell 31 ta' Jannar 1995 u wkoll <u>Silvio Frendo Et vs Andrew Faenza</u> Qorti ta' l-Appell 2 ta' Gunju 2000]

Fil-fehma tal-Qorti l-intimat pprova b’mod car u konkludenti illi r-rikorrent irrinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni permezz tal-ftehim milhuq bejnithom fil-21 ta’ Jannar, 1994, li jkopri s-snin sa’ l-1991. Rigward is-snin 1992 sa’ l-1994, ma giex ippruvat mir-rikorrent illi huwa osserva l-proceduri stabbiliti bl-Artikolu 35 tal-Kap. 372, fejn kellu jaghmel oggezzjoni quddiem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u sussegwentement, jekk mehtieg, Appell quddiem il-Bord tal-Kummissarju Specjali.

Ghalhekk, issa ma jistax jirriklama xi vantagg preskrittiv favur tieghu ghas-snin hemm indikati. Mill-bqija, il-Qorti taqbel ma’ l-argumenti migjuba mill-Kummissarju intimat fir-risposta tieghu u ma thossx, issa f’dan l-istadju, illi r-rikorrent jista’ jaghmel xi riklam kontra t-talba tal-Kummissarju intimat ghall-hlas tas-somma ndikata.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------